MISTOQSIJA LI TITLOB TWEĠIBA ORALI O-0000/09
magħmula skont l-Artikolu 108 tar-Regoli ta' Proċedura
minn Jan Andersson, f'isem il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
lill-Kunsill

Suġġett: Tfal tal-Migranti

Is-sitwazzjoni tat-tfal tal-migranti li jitħallew weħidhom fil-pajjiż ta' oriġini waqt li l-ġenituri tagħhom jemigraw biex jaħdmu f'pajjiż ieħor qajmet tħassib konsiderevoli f'xi Stati Membri f'dawn l-aħħar sentejn. Filwaqt li hemm politika komprensiva fis-seħħ biex ittejjeb l-għajxien u l-edukazzjoni tat-tfal migranti li marru mal-ġenituri tagħhom li qed jaħdmu barra minn pajjiżhom, il-fenomenu tat-tfal li tħallew id-dar weħidhom ma rċeviex ħafna attenzjoni. Skont l-istudju li sar mill-Unicef u mill-assoċjazzjoni Social Alternatives fir-Rumanija, kważi 350.000 tfal fl-2008 kellhom mill-inqas ġenitur wieħed li kien qed jaħdem f'pajjiż ieħor, u kważi 126.000 kellhom iż-żewġ ġenituri li kienu qed jaħdmu f'pajjiż ieħor.

Għat-tfal li tħallew id-dar il-benesseri materjali ma jistax jikkumpensa għan-nuqqas tal-imħabba u l-għożża tal-ġenituri, u dan jista' mbagħad iwassal għal depressjoni, riżultati skolastiċi ħżiena u tfulija infeliċi. Huma iktar vulnerabbli minn sħabhom tal-klassi, l-iżvilupp mentali tagħhom jieħu iktar fit-tul, u ġeneralment m'għandhom ebda interess fl-iskola. Huma wkoll iktar esposti għall-abbuż tat-tfal.

X'passi ttieħdu u ħa jittieħdu mill-Istati Membri u mill-Kunsill biex tittejjeb is-sitwazzjoni ta' dawn it-tfal u biex jiġi żgurat l-iżvilupp normali tagħhom?

Ir-rapporti dwar l-istil ta' ħajja fqir u n-nuqqas ta' attenzjoni għal dawn it-tfal rigward l-edukazzjoni u anke l-affezzjoni jqanqlu tħassib kbir. Il-Kunsill huwa infurmat dwar kif dawn it-tfal u l-ġenituri tagħhom jiffaċċjaw din is-sitwazzjoni?

X'passi ttieħdu u ħa jittieħdu mill-Istati Membri u f'livell Ewropew biex jiġi żgurat l-iżvilupp normali tat-tfal ikkonċernati rigward l-edukazzjoni u l-ħajja soċjali?

Huwa rrappurtat li l-fenomenu jolqot diversi Stati Membri. Fil-Kunsill, kien hemm xi skambju ta' opinjonijiet jew diskussjoni bejn l-Istati Membri dwar l-aħjar prattika biex tittejjeb is-sitwazzjoni?

L-Istati Membri waqqfu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni biex jipprevjenu effetti deterjoranti fuq il-familji, speċjalment it-tfal, ta' meta jgħixu separatament u tad-distanzi li jkollhom bejniethom?

Imressqa: 00.00.2009
Mibgħuta: 00.00.2009
Skadenza: 00.00.2009